# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 25 ta' Jannar, 2023.**

**Numru 3**

**Rikors numru 16/15/1 JZM**

**Alf. Mizzi & Sons (Marketing) Limited (C 8692)**

**v.**

**More Supermarkets (Ħamrun) Limited (C57252), Ryan Schembri, Mario Schembri, Christian Delia, Kurt Camilleri, Adrian Agius, u Darren Casha, u b'digriet mogħti fit-23 ta' Frar 2015 ġew nominati l-Avukat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D u l-Prokuratur Legali Francesco Catania bħala kuraturi deputati biex jirrappreżentaw lill-assenti Darren Casha u Ryan Schembri, u b'digriet tas-16 ta' Ġunju 2016 il-Prokuratur Legali Francesco Catania bħala kuratur deputat ġie sostitwit bil-Prokuratur Legali Joeline Pace Ciscaldi, u b'digriet tat-8 ta' Awwissu 2017 l-Avukat Dr. Mark Anthony Mifsud Cutajar issostitwixxa lill-Avukat Dr. Yana Micallef Stafrace li ġiet elevata għall-Maġistratura**

1. Permezz ta' din il-kawża l-attriċi qed titlob li l-konvenuti jiġu kkundannati jħallsuha s-somma ta' €350,625.25, oltre imgħaxijiet skont

il-liġi sad-data tal-pagament effettiv, li hija tgħid tirrappreżenta l-ammont dovut lilha bħala ħlas għall-merkanzija li ġiet supplita minnha lis-soċjetà konvenuta More Supermarkets (Ħamrun) Limited, fuq ordni tal-istess soċjetà konvenuta. L-attriċi tgħid li r-relazzjoni ta' bejn il-partijiet hija rregolata permezz ta' ftehim intestat '*credit application form"* li ntlaħaq bejn l-attriċi u s-soċjetà konvenuta More Supermarkets (Ħamrun) Limited li kienet il-kompratriċi tal-merkanzija kif ukoll mal-konvenuti l-oħra kollha f'isimhom proprju u bħala garanti solidali tas-soċjetà konvenuta. L-attriċi ssostni li minkejja diversi interpellazzjonijiet għall-ħlas il-konvenuti baqgħu inadempjenti u kien għalhekk li kellha tiftaħ din il-kawża.

2. F'dawn il-proċeduri hija talbet lill-Ewwel Qorti sabiex:

> "i. Tipprocedi ghas-sentenza skont it-talba tas-socjeta` rikorrenti b`dispensa tas-smigh tal-kawza ai termini tal-Artikolu 167 et seq tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta` Malta ;
>
> ii. Tiddikjara lill-intimati debituri favur is-socjeta` Alf. Mizzi & Sons (Marketing) Ltd ghas-somma ta` EUR 350,625.25 u dan oltre mghaxijiet skont il-ligi sad-data tal-pagament effettiv ; u
>
> iii. Tikkundanna lill-intimati jhallsu lis-socjeta` rikorrenti s-somma ta` EUR 350,625.25 u dan oltre mghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv.
>
> Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandat ta` sekwestru numru 2010/14 kontra l-intimati li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni".

3. Il-konvenuti Christian Delia u Kurt Camilleri eċċepew, *inter alia,* li l-*Credit Application Form* ma tiswiex u hija nulla fil-konfront tagħhom *ai termini* tal-Artikoli 974 u 981 tal-Kodiċi Ċivili peress li l-kunsens tagħhom ġie mogħti b'riżultat ta' egħmil doluż u ta' ingann da parte ta' waħda mill-

partijiet għall-istess ftehim, li l-*Credit Application Form* huwa dokument *standard* li ġie mogħti lil Ryan Schembri li min-naħa tiegħu kien qalilhom li l-merkanzija kienet intiża għas-soċjetà More Supermarkets (Ħamrun) u fil-fatt dan l-istabbiliment kien l-unika wieħed indikat fl-istess formula meta ffirmaw huma, iżda meta l-istess formola ġiet mogħtija lura lill-attriċi kien hemm indikati bħala indirizzi ta' konsenja l-indirizzi tal-istabbilimenti kollha tas-*supermarkets* "More", u għalhekk huma qatt ma taw il-kunsens tagħhom għall-istess ftehim u kieku kienu jafu li dawn l-istabbilimenti kienu mniżżla ma kinux jagħtu l-kunsens tagħhom, li l-kunsenji mertu tal-kawża odjerna ma sarux fl-istabbiliment tal-Ħamrun biss iżda saru fid-diversi stabbilimenti ndikati fil-ftehim ad insaputa u a skapitu tal-esponenti, li huma qatt ma taw il-kunsens tagħhom biex jagħmlu tajjeb solidalment għad-dejn tal-istabbilmenti kollha u qatt ma kienet intiża li ssir tali garanzija, li l-prezz tal-merkanzija li ġiet ikkonsenjata unikament a favur u direttament fl-istabbiliment tal-Ħamrun tammonta għal ferm anqas mill-ammont kif mitlub mill-attriċi u li għalhekk huma mhumiex responsabbli għall-ħlas tal-ammont mitlub mill-attriċi.

4. More Supermarkets (Ħamrun) Limited u Josephine Casha bħala kuratriċi tal-assenti Darren Casha eċċepew, *inter alia,* illi l-attriċi trid tipprova l-interess ġuridiku tagħha stante li mill-*Credit Application Form* mhuwiex ċar jekk min ipprovda s-servizz hijiex l-attriċi jew soċjetà oħra mill-Grupp bl-isem Derfla Ltd., li l-*Credit Application Form* ma tikkostitwix

ftehim stante li jonqsu l-elementi meħtieġa għal dan, li More Supermarkets (Ħamrun) Limited setgħet biss titlob u titratta għall-konsenji ta' merkanzija destinati għas-supermarket tal-Ħamrun ġestit minnha stante li l-istabbilimenti ndikati tal-Mosta, Paceville u Fgura ma kinux ġestiti minnha iżda minn kumpaniji oħra, li meta saret il-*Credit Application Form* f'Lulju 2014 Ryan Schembri, u l-firmatarji kollha fuq il-formola msemmija, ma kellhom l-ebda interess jew involviment fl-istabbilimenti l-oħra ħlief dawk tal-Ħamrun, li peress li f'Lulju 2014 Ryan Schembri ma kienx direttur tal-istabbilmenti l-oħra huwa aġixxa *ultra vires* u huwa ħati ta' rappreżentanza indebita meta tratta sabiex isiru konsenji fi stabbilimenti oħra barra dak tal-Ħamrun, li l-attriċi ntavolat proċeduri oħra fl-ismijiet **Alf Mizzi & Sons (Marketing) Ltd. v. Erom Trading et** fejn jidher li l-pretensjoni titratta wkoll konsenji valutati fis-somma ta' €275,000 li allegatament saru fl-istess stabbilimenti ġestiti minn More Supermarkets, *ossia* fil-Ħamrun, Fgura, Mosta u Paceville fl-istess perjodu ta' żmien u għalhekk hemm dupliċità fl-ammont mitlub, li l-*Credit Application Form* ma tiswiex fir-rigward ta' Darren Casha personalment għaliex il-kunsens tiegħu ġie karpit bi frodi u b'ingann perpetrat minn Ryan Schembri, u li mhuwiex minnu li Darren Cascha kien personalment azzjonist fis-soċjetà konvenuta.

5. Il-kuraturi deputati għal Ryan Schembri preżentaw nota datata 13 ta' Marzu 2015 permezz ta' liema ddikjaraw li mhumiex edotti mill-fatti u

li għalhekk kienu qed jirriservaw id-dritt li jippreżentaw risposta motivata f'każ li jiġu edotti mill-fatti.

6. Mario Schembri eċċepixxa, *inter alia,* li l-attriċi għandha tipprova l-interess ġuridiku tagħha għaliex mhuwiex ċar jekk kinitx hi li provdiet is-servizz jew jekk is-servizz ġiex provdut minn soċjetà oħra parti mill-grupp bl-isem Derfla Limited, li l-*Credit Application Form* ma tikkostitwix ftehim iżda sempliċiment talba biex isir bejgħ bi kreditu, li t-talbiet attriċi huma infondati fir-rigward ta' Mario Schembri għaliex il-*Credit Application Form* hija nulla fil-konfront tiegħu *ai termini* tal-Artikoli 971 u 981 tal-Kodiċi Ċivili peress li l-kunsens tiegħu ġie mogħti b'riżultat ta' għemil doluż u ta' ingann da parti ta' waħda mill-partijiet għall-istess ftehim, li l-*Credit Application Form* kienet ingħatat lil Ryan Schembri li min-naħa tiegħu kien spjega lid-diretturi li din kienet tirrigwarda biss lil More Supermarkets (Ħamrun) Limited u mhux l-istabbilmenti l-oħra tal-"More" fil-Mosta, Paceville u Fgura u Ħaż-Żebbuġ li ma kinux imniżżla fil-formola msemmija fil-mument meta ffirma Mario Schembri u kieku dawn kienu mniżżla ma kienx jagħti l-kunsens tiegħu, li l-konsenja mertu ta' dawn il-proċeduri saret fl-istabbilmenti kollha tal-More Supermarkets ad insaputa u a skapitu ta' Mario Schembri, li l-firma u l-kunsens ta' Mario Schembri fuq il-*Credit Application Form* ġiet mogħtija b'riżultat ta' ingann ta' mpjegat tal-kumpanija More Supermarkets (Ħamrun) Limited, li Mario Schembri qatt ma ta l-kunsens tiegħu biex jagħmel tajjeb solidalment għad-dejn

favur l-attriċi relattiv għall-merkanzija konsenjata fi stabbilmenti oħra ħlief dak tal-Ħamrun, li l-prezz tal-merkanzija li ġiet konsenjata unikament favur l-istabbilment tal-Ħamrun tammonta għal ferm anqas mill-ammont mitlub mill-attriċi u li l-attriċi ntavolat proċeduri oħra fl-ismijiet **Alf Mizzi & Sons (Marketing) Ltd. v. Erom Trading et** fejn jidher li l-pretensjoni titratta wkoll konsenji valutati fis-somma ta' €275,000 li allegatament saru fl-istess stabbilimenti ġestiti minn More Supermarkets, *ossia* fil-Ħamrun, Fgura, Mosta u Paceville fl-istess perjodu ta' żmien u għalhekk hemm dupliċità fl-ammont mitlub.

7. Permezz ta' nota preżentata in atti fl-20 ta' April 2015 l-attriċi ċediet dawn il-proċeduri, inkluż ukoll fuq il-kap tal-ispejjeż, limitatament fil-konfront tal-konvenuti Christian Delia, Kurt Camilleri u Adrian Agius.

8. Permezz ta' nota preżentata fl-20 ta' April 2015 il-konvenuti Christian Delia u Kurt Camilleri rtiraw ir-risposta maħlufa tagħhom in vista taċ-ċessjoni fil-konfront tagħhom.

9. Permezz ta' nota oħra preżentata in atti fl-20 ta' April 2015 l-attriċi rriduċiet is-*sorte* pretiża f'dawn il-proċeduri għall-ammont ta' €250,625.25.

10. Bis-sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili tas-27 ta' Ġunu 2017 ġie deċiż hekk:

> "Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi din il-kawza billi :-
>
> Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talbiet attrici kontra l-konvenuti Christian Delia, Kurt Camilleri u Adrian Agius billi t-talbiet attrici kienu ceduti kontra dawn il-konvenuti fil-mori tal-kawza.
>
> Tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti l-ohra kollha.
>
> Tipprovdi dwar it-tieni talba attrici billi tiddikjara illi l-konvenuti (bl-eccezzjoni ta` l-konvenuti Christian Delia, Kurt Camilleri u Adrian Agius) huma debituri tas-socjeta` attrici fl-ammont ta` mitejn u hamsin elf sitt mija tnejn u hamsin Ewro u hamsa u ghoxrin centezmu (€250,652.25).
>
> Tipprovdi dwar it-tielet talba attrici billi tikkundanna lill-konvenuti (bl-eccezzjoni ta` l-konvenuti Christian Delia, Kurt Camilleri u Adrian Agius) sabiex ihallsu lis-socjeta` attrici l-ammont ta` mitejn u hamsin elf sitt mija tnejn u hamsin Ewro u hamsa u ghoxrin centezmu (€250,652.25) bl-imghax legali b`effett mill-20 ta` April 2015 sad-data tal-pagament effettiv.
>
> Tordna li l-ispejjez kollha ta` din il-kawza komprizi dawk tal-mandat ta` sekwestru nru 2010/2014 ghandhom jithallsu mill-konvenuti More Supermarkets (Hamrun) Limited, Ryan Schembri, Mario Schembri u Darren Casha.
>
> Tordna illi l-kuraturi deputati jithallsu skont il-ligi".

11. Mario Schembri preżenta r-rikors tal-appell tiegħu fis-17 ta' Lulju 2017 permezz ta' liema talab lil din il-Qorti sabiex tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata u tgħaddi sabiex tilqa' l-eċċezzjonijiet tiegħu u tiċħad it-talbiet attriċi kollha, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-attriċi.

12. Is-soċjetà attriċi preżentat ir-risposta tal-appell tagħha għall-appell ta' Mario Schembri fil-11 ta' Awwissu 2017 permezz ta' liema talbet lil din il-Qorti sabiex tiċħad l-istess appell u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra Mario Schembri.

13. More Supermarkets (Ħamrun) Limited u Darren Casha preżentaw ir-risposta tal-appell tagħhom fid-29 ta' Settembru 2017 flimkien ma' appell inċidentali permezz ta' liema filwaqt li ssottomettew li jaqblu mal-appell ta' Mario Schembri talbu lil din il-Qorti sabiex tvarja u/jew tirrevoka u tħassar is-sentenza appellata billi tilqa' l-ewwel u occorrendo s-seba' eċċezzjoni tagħhom, tiċħad it-talbiet attriċi u tilliberahom mill-osservanza tal-ġudizzju bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-attriċi.

14. L-attriċi preżentat ir-risposta tal-appell tagħha għall-appell inċidentali ta' More Supermarkets (Ħamrun) Limited u Darren Casha permezz ta' liema ssottomettiet li l-appell inċidentali għandu jiġi miċħud u s-sentenza appellata għandha tiġi kkonfermata.

15. Permezz ta' digriet datat 27 ta' Ġunju 2022 l-appell ta' Mario Schembri ġie dikjarat deżert billi naqas milli jħallas il-kawtela minkejja li ġie notifikat kemm bil-kawtela u kemm bl-avviż tas-smigħ.

**Ikkonsidrat:**

**L-Appell Inċidentali ta' More Supermarkets (Ħamrun) Limited u Darren Casha**

16. L-aggravju tal-appellanti jirrigwarda l-eċċezzjoni mressqa minnhom li l-attriċi m'għandhiex l-interess ġuridiku meħtieġ sabiex tressaq din il-kawża. Jilmentaw li l-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta kkonsidrat li Derfla Ltd. u s-soċjetà attriċi huma ko-kredituri. Skont l-appellanti mill-provi jirriżulta ampjament li kienet Derfla Limited li biegħet il-merkanzija mertu ta' dawn il-proċeduri lis-soċjetà konvenuta u mhux is-soċjetà attriċi u għalhekk l-attriċi qatt ma tista' titqies bħala ko-kreditriċi, minkejja li fuq kull waħda mill-fatturi hemm indikat li l-ħlas għandu jsir lill-attriċi għaliex din id-dikjarazzjoni mhijiex biżżejjed biex l-attriċi takkwista xi drittijiet fuqhom. Skont l-appellanti, sabiex l-attriċi tikseb it-titolu ta' kreditriċi fil-konfront tagħhom kellu jkun hemm assenjazzjoni ta' drittijiet skont il-liġi u b'hekk biss l-attriċi setgħet takkwista l-interess ġuridiku neċessarju sabiex tressaq il-kawża odjerna. Iżidu li l-attriċi ma ressqet l-ebda provi dwar dan il-punt, minkejja li tressqet eċċezzjoni f'dan is-sens u għalhekk kien kruċjali għall-attriċi li tressaq prova li saret assenjazzjoni ta' drittijiet skont il-liġi u għalhekk l-Ewwel Qorti kellha tilqa' din l-eċċezzjoni.

17. Jilmentaw ukoll dwar il-konsiderazzjoni tal-Ewwel Qorti li ma kienx hemm il-ħtieġa ta' notifika a tenur tal-Artikolu 1473 tal-Kodiċi Ċivili billi jsostnu li l-Ewwel Qorti njorat il-kwistjoni li kwalunkwe ftehim għandu jsir bil-miktub u din il-prova ma tressqitx u għalhekk l-eżami tan-notifika huwa inutli ladarba ma tressqet l-ebda prova li tabilħaqq seħħet ċessjoni ta' kreditu bil-miktub. Jargumentaw li fi kwalunkwe każ l-ittra uffiċjali li għaliha tirreferi l-Ewwel Qorti ma tistax titqies bħala dik in-notifika meħtieġa mil-liġi peress li dik l-ittra hija biss interprellazzjoni għall-ħlas bħalma jagħmel kull kreditur li ser idur fuq il-garanti u mkien ma tindika li s-soċjetà attriċi akkwistat xi drittijiet minn Derfla Limited. Jargumentaw ukoll li fir-rikors maħluf odjern ma sar l-ebda aċċenn għal ċessjoni ta' drittijiet bejn Derfla Limited u l-attriċi u għalhekk l-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta kkonsidrat li n-notifika tar-rikors ġuramentat tista' titqies bħala notifika valida *ai termini* tal-Artikolu 1473 tal-Kodiċi Ċivili. Iżidu li jekk jiġi aċċettat li din fil-fatt hija notifika valida għandu jkun hemm temperament fl-ispejjeż għaliex jekk id-denunzja taċ-ċessjoni ssir bir-rikors ġuramentat id-debitur u l-garanti tiegħu jkunu tpoġġew f'sitwazzjoni fejn ma jkunux jistgħu jadempixxu ruħhom mat-talba jekk mhux bi preġudizzju għall-pożizzjoni tagħhom f'dik il-kawża.

18. L-appellanti jargumentaw ukoll li f'dan il-każ jirriżulta ċar u ampju li n-negozju kien bejn Derfla Limited u s-soċjetà konvenuta, u kwalunkwe garanzija li ngħatat minn Darren Casha trid titqies li ngħatat lil Derfla

Limited. Isostnu li huwa biss kieku ġie pruvat li saret ċessjoni ta' drittijiet minn Derfla Limited favur l-attriċi li l-obbligi ta' Darren Casha *qua* garanti setgħu jiskattaw u għalhekk la ma kien hemm l-ebda ċessjoni ta' drittijiet skont il-liġi Darren Casha ma jistax jitqies li huwa garanti tas-soċjetà attriċi.

19. Is-soċjetà appellata twieġeb li fil-ftehim li kien ġie ffirmat mill-partijiet hemm indikat fil-klawsola numru 1 li l-frasi "*the company"* hija definita bħala "Alf Mizzi & Sons (Marketing) Limited and/or Derfla Ltd." li jfisser li mill-ewwel kien jirriżulta li ż-żewġ kumpaniji kienu ko-kredituri fuq il-ftehim. Iżżid li apparti minn hekk il-bejgħ sar fuq fattura maħruġa minn Derfla Limited fejn kien hemm indikat li l-ħlas kellu jsir lil Alf Mizzi & Sons (Marketing) Limited, li huwa arranġament bejn żewġ ko-kredituri li huwa leġittimu u permess, u dan oltre li hija nnotifikat lid-debituri permezz ta' ittra uffiċjali biex dan il-ħlas isir u għaldaqstant l-interess ġuridiku tagħha jirriżulta ben ċar mill-ftehim, fatturi u l-ittra uffiċjali. Dwar l-argument tal-appellanti li l-Ewwel Qorti njorat il-kwistjoni li l-ftehim tal-assenjazzjoni kellu jkun bil-miktub twieġeb li dan mhux minnu għaliex l-Ewwel Qorti studjat din il-kwistjoni fil-paġna 29 sa 34 tas-sentenza appellata u sussegwentement għaddiet sabiex tikkonsidra l-kwistjoni tan-notifika tal-ftehim ta' assenjazzjoni. Targumenta li hi ma esebit l-ebda ftehim ta' assenjazzjoni ta' kreditu għaliex dan qatt ma sar peress li ma kienx hemm bżonnu, ladarba mill-kuntratt innifisu huwa ċar li hemm żewġ kumpaniji li

huma kredituri. Fir-rigward tan-notifika meħtieġa *ai termini* tal-Artikolu 1473 tal-Kodiċi Ċivili targumenta li l-unika rekwiżit tal-liġi huwa li ssir interpellanza permezz ta' att ġudizzjarju, mingħajr ma jiġi speċifikat x'jeħtieġ li jkun fih dan l-att u għalhekk l-ittra uffiċjali kellha titqies valida fil-każ li wieħed qed jikkuntratta ċessjoni ta' dritt, u dan oltre l-fatt li r-rikors maħluf kien jissodisfa l-vot tal-liġi. Dwar l-argument tal-appellanti li għandu jkun hemm temperament fl-ispejjeż twieġeb li l-appellanti fl-ebda stadju ma avviċinawha biex iħallsu, lanqas meta raw li kienet laħqet ftehim bonarju ma' tlieta mill-konvenuti, u wkoll ma avviċinawx lil Derfla Ltd. biex iħallsu lilha, u għalhekk dan l-argument assolutament ma jreġix.

20. Dwar l-argument li jirrigwarda lil Darren Casha l-appellata twieġeb li l-ftehim kien sar kemm magħha u kif ukoll ma' Derfla Limited u għalhekk l-impenn li daħal fih l-appellant Darren Casha flimkien ma' individwi oħra daħal fih fil-konfront taż-żewġ kumpaniji. Tgħid li Darren Casha ffirma l-kuntratt u kien ben konsapevoli ta' dak li hemm fih, u għalhekk l-argument tal-appellanti f'dan ir-rigward huwa assolutament infondat.

21. L-Ewwel Qorti għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> "IV. L-eccezzjoni tal-karenza ta` interess guridiku
>
> Din l-eccezzjoni nghatat mill-konvenuti : Mario Schembri, More Supermarkets (Hamrun) Limited u Darren Casha.
>
> L-argument idur fuq il-credit application form, ghaliex skont dawn il-konvenuti ma kienx car jekk min ipprovda s-servizz kienx is-socjeta`

attrici jew socjeta` ohra bl-isem Derfla Limited li taghmel ukoll parti mill-Alf Mizzi Group u li tissemma wkoll fil-credit application form.

*Omissis*

Minn esami tad-dokument esebit a fol 5 u 6 tal-process, jidher li fil-parti ta` fuq ta` l-istess dokument hemm imnizzel "ALF. MIZZI & SONS (MARKETING) GROUP." Fil-klawsola numru 1, il-frazi "the company" hija definita bhala "Alf Mizzi & Sons (Marketing) Ltd and/or Derfla Ltd."

Minn esami tal-invoices li hargu fir-rigward tas-socjeta` More Supermarkets (Hamrun) Limited, irrizulta li nhargu minn Derfla Limited izda fuq l-istess invoices, kien espressament indikat illi l-hlas kellu jsir lis-socjeta` rikorrenti : "Payments are to be made payable to Alf Mizzi & Sons (Marketing) Ltd…").

Il-Qorti hadet konjizzjoni wkoll ta` l-ittra ufficjali bin-nru 4195/2014 fejn id-debituri gew mgharrfa li kienet is-socjeta` rikorrenti li kienet qed tesigi l-hlas tal-kreditu dovut.

Ir-relazzjoni bejn Derfla Limited u Alf Mizzi & Sons (Marketing) Limited kienet spjegata mir-rapprezentanti tas-socjeta` attrici li xehdu li t-tnejn huma sister companies u li kien hemm ftehim intern li l-invoices jinhargu minn Derfla Limited izda l-pagamenti jsiru lil Alf Mizzi & Sons (Marketing) Limited.

*Omissis*

Il-Qorti tqis illi s-socjeta` rikorrenti ghandha l-interess rikjest mil-ligi biex tistitwixxi l-azzjoni kontra l-intimati. Huwa minnu li l-invoices inhargu minn Derfla Limited izda fuq kull invoice nghad illi l-pagament kellu jinhareg fl-isem tas-socjeta` rikorrenti.

Issir tiehu spunt mis-sentenza li tat il-Qorti tal-Kummerc fis-27 ta` April 1992 fil-kawza Frank Cilia noe vs Charles Scicluna fejn inghad:-

> "Meta l-konvenut induna li d-dokumenti mibghuta mis-socjetà attrici (invoices, statements, ittri) ma kienux qeghdin jindikaw lil min, skond hu, kien verament obbligat, ghaliex ma ssenjalax dan il-fatt mill-ewwel lis-socjetà attrici biex il-patti jkunu kjari mill-bidu nett? Ghaliex stenna li ssir din il-kawza biex zeffen fin-nofs lis-socjetà tieghu, li issa jiddikjara li ma ghandhiex fondi?"

Fuq l-istess linja, din il-Qorti tistaqsi ghaliex kien biss meta saret din il-kawza illi l-intimati bdew ighidu li ma kinux jafu jekk il-kreditrici kinitx is-socjeta` rikorrenti jew Derfla Limited ? Il-Qorti tqis illi kienu ntbaghtu bosta invoices li kienu jindikaw li l-merkanzija kienet qeghda tigi supplita minn Derfla Limited izda l-hlas kellu jsir lis-socjeta` rikorrenti. Barra minn hekk, kienu wkoll interpellati biex ihallsu lis-socjeta` rikorrenti pendenzi li kien hemm ma` Cassar & Schembri (Marketing) Limited.

L-intimati jaghmlu l-argument illi dak li sar kienet cessjoni ta` kreditu minn Derfla Limited lis-socjeta` attrici, liema cessjoni qatt ma kienet notifikata lid-debituri. Skont il-konvenuti dan iwassal ghall-konsegwenza li s-socjeta` rikorrenti ma ghandhiex interess guridiku tippromwovi l-azzjoni. Da parti taghha, is-socjeta` rikorrenti tghid illi, minghajr pregudizzju ghall-pozizzjoni taghha li s-socjeta` rikorrenti hija ko-kreditrici ma` Derfla Limited ghall-ammont pretiz fil-kawza, ma kienx minnu li ma saritx notifika lid-debitur. Is-socjeta` rikorrenti tirreferi ghall-ittra ufficjali bin-nru 4195/2014 u tissottometi li dak l-att kien bizzejjed ghall-fini ta` notifika lid-debituri. Irriteniet ukoll illi anke li kieku tali ittra ufficjali ma tkunx meqjusa bhala notifika sufficjenti, in-nuqqas ta` notifika semmai ggib biss il-konsegwenzi ndikati fl-Art 1472 tal-kap 16 u cioe` jekk id-debitur ikun hallas lil Defla Limited, ic-cessjonarju ma jkunx jista` jippretendi l-hlas. Fil-kaz tal-lum, ma kienx prova ta` hlas lil Derfla Limited.

*Omissis*

Fil-fehma tal-Qorti, anke li kieku kien hemm cessjoni ta` kreditu minn Derfla Limited ghal Alf Mizzi & Sons (Marketing) Limited, tqis illi xorta wahda, mhijiex agevolata l-posizzjoni tal-konvenuti. Irrizulta illi fil-ftehim kienu ndikati Derfla Limited u/jew is-socjeta` attrici bhala kredituri. Fl-invoices li hargu fl-isem ta` Derfla Limited, kien specifikat illi l-hlas kellu jsir lis-socjeta` rikorrenti. Saret ittra ufficjali kontra l-garanti personali [izda mhux kontra More Supermarkets (Hamrun) Limited] fejn is-socjeta` rikorrenti nterpellat ghall-hlas u wara ghamlet din il-kawza.

*Omissis*

L-eccezzjoni qeghda tkun respinta fil-kaz tat-tliet konvenuti li eccepewha".

## Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti

22. Fl-aggravju tagħhom l-appellanti jsostnu li l-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta kkonsidrat li l-attriċi u Derfla Ltd. kienu ko-kredituri għaliex skont huma l-kreditriċi kienet Derfla Ltd. biss. Għalhekk l-appellanti jargumentaw li sabiex huma jistgħu jiġu mġiegħla jħallsu lill-attriċi kellu jirriżulta ftehim ta' ċessjoni bil-miktub bejn Derfla Ltd. u l-attriċi u d-debituri kellhom jiġu formalment notifikati b'din iċ-ċessjoni. Min-naħa tagħha l-

attriċi tgħid li ftehim ta' ċessjoni bil-miktub ma ġiex preżentat għaliex qatt ma sar, proprju minħabba li ma kien hemm l-ebda ċessjoni ta' kreditu għaliex hi u Derfla Ltd. kienu ko-kredituri kif ikkonsidrat l-Ewwel Qorti.

23. Wara li rat l-atti l-Qorti tqis li l-Ewwel Qorti kienet korretta meta kkonsidrat li l-attriċi u Derfla Ltd. kienu ko-kredituri. Fil-fehma tal-Qorti dan jirriżulta b'mod ċar mill-ftehim iffirmat bejn il-partijiet (ara l-oriġinal ta' dan il-ftehim a *fol.* 116), li jirregola t-termini ta' kreditu konċessi lis-soċjetà konvenuta, fejn jirriżulta li "*the company"* ġiet definita bħala "Alf. Mizzi & Sons (Marketing) Limited and/or Derfla Ltd.." Għalhekk m'għandu jkun hemm l-ebda dubju li bil-konklużjoni ta' dak il-ftehim inħolqot relazzjoni ġuridika bejn il-konvenuti u kemm Derfla Ltd. u kif ukoll Alf. Mizzi & Sons (Marketing) Limited. Għalkemm huwa minnu li l-fatturi nħarġu minn Derfla Ltd. biss, jibqa' l-fatt li l-konvenuti aċċettaw li jassumu l-obbligu ta' ħlas versu mhux biss Derfla Ltd. iżda wkoll l-attriċi, ikkonsidrat li fejn il-ftehim imsemmi jitkellem dwar obbligi ta' ħlas dejjem jagħmel referenza għal "the Company", li tkopri kemm Derfla Ltd. u kif ukoll l-attriċi. Minn dan isegwi li ma kien hemm bżonn li ssir l-ebda ċessjoni ta' kreditu bejn Derfla Ltd. u l-attriċi, ladarba kienu t-tnejn li huma ndikati bħala l-kredituri bi dritt għall-ħlas fuq il-ftehim iffirmat mill-partijiet.

24. B'żieda ma' dan il-Qorti tqis illi fl-*invoices* jissemma espressament li l-ħlas għandu jsir lil Alf Mizzi and Sons (Marketing Ltd.). Dawn l-*invoices* jikkorroboraw dak li jingħad fil-*Credit Application Form*.

25. Fir-rigward tal-argument li l-attriċi m'għandhiex interess ġuridiku biex tressaq din il-pretensjoni tagħha kontra Darren Casha ladarba ma ġewx sodisfatti l-elementi meħtieġa dwar iċ-ċessjoni ta' kreditu, il-Qorti tosserva li l-ftehim hawn fuq imsemmi jiddisponi espressament hekk fil-klawsola 10: "*Guarantee: The Guarantor hereby constitutes himself/herself, a joint and several debtor with the Customer, in favour of the Company, which accepts, in respect of the Customer's obligations under these Terms of Credit. All the parties to this Agreement agree that the Company has the right, at its option, to proceed for the recovery of any balance due hereunder against either the Customer or the Guarantor or against both the Customer and the Guarantor at the same time.*"

26. Inoltre, il-klawsola 1 tiddefinixxi t-terminu "*guarantor*" b'dan il-mod: "*The Guarantor is the person signing this form hereunder who guarantees in his own personal name to pay any balance due to the Company as defined in his clause, should the debtor fail to pay as agreed, whether the debtor trades as a sole trader, any partnership or limited liability company.*"

27. Kif diġà ġie kkonsidrat, l-istess ftehim ifisser it-terminu "*the Company*" bħala kemm Derfla Ltd. u kemm l-attriċi u għaldaqstant Casha assuma liberament u konxjament obbligu li jagħmel tajjeb għad-dejn tas-soċjetà konvenuta billi jħallas lil Derfla Ltd. jew lill-attriċi fil-każ li s-soċjetà

konvenuta tonqos milli tħallas għall-merkanzija supplita lilha. Għaldaqstant l-argument magħmul fir-rigward ta' Darren Casha huwa manifestament infondat.

**Decide**

Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi filwaqt li tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-appell prinċipali ta' Mario Schembri stante li l-appell tiegħu ġie dikjarat deżert permezz ta' digriet ta' din il-Qorti tas-27 ta' Ġunju 2022, tiċħad l-appell inċidentali ta' More Supermarkets (Ħamrun) Limited u Darren Casha, u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.

L-ispejjeż relattivi għall-appell prinċipali jitħallsu minn Mario Schembri filwaqt li l-ispejjeż relattivi għall-appell inċidentali jitħallsu minn More Supermarkets (Ħamrun) Limited u Darren Casha.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm